**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 /4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 77

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 77 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Ħamis 25 ta' April 2024, fil-5:30 pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 18 ta'April, 2024
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużat

- Anthony Delia — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier

---

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**77.1 Qari ta’ ittri ta’ apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta’apoloġija mingħand il-Kunsillier Paul Bugeja u Anthony Delia

**77.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (76)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti bil-Kunsillier Alfred Bray jissekonda l-mozzjoni.
Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**77.3 Punti mill-Minuti**

- **Measure 4.3 – MAFA/PAY 54/2020**

  L-Avukat tal-kunsill Dr.Amadeus Cachia informa, li mill-korrispondenza u d-dokumentazzjoni li ġiet għall-attenzjoni tiegħu, jidher ċar li kien hemm ksur li wassal għall-ħlas lura ta’ tali ammont. Din mhux kustjoni ta’ negozjar imma ta’ ħlas għal ksur li rriżulta. Għalhekk huwa tal-fehma li l-ammont ta’ €90,209.83 għandhom jitħallas

  Il-kunsill approva nem.con li tiġi rritornata lura is-somma ta’€90,209.83.

- **Measure 4.3 – Pendenzi Rockcut**

  15 ta’April 2024 il-kumpanija Rockcut bagħtet ittra uffiċċjali biex il-kunsill iħallas il-bilanċ dovut. Is-Sindku Alfred Grima qal li l-imejl datata 6 ta’ Settembru 2021 mibgħuta mill-ex Seg.Eżekuttiv (M.S) turi li l-bilanċ finanzjarju nżamm kaġun li x-xogħol ta’ tiswijiet fuq il-bridge ta’ Triq Qannotta baqaw mhux konklużi minkejja numru ta’ tfakkirit li jmorru lura għal 2019.

  L-avukat tal-kunsill wieġeb l-ittra. Il-kunsill irriafferma l-pożizzjoni li kien illi l-bilanċ ma jitħallas diment li x-xogħol li kellu jsir ma jkunx sar.

**Dati tentattivi għal inawgurazzjoni ta’ proġetti**

*Bust Patri Elia* – is-Sibt 11 ta’ Mejju 2024 fis-19.00 hrs
*Bandli f’Burmarrad* – l-Erbgħa 22 ta’ Mejju 2024 fis-12.00 hrs
*Bust Anthony Camilleri (Bayzo)* – it-Tlieta 28 ta’ Mejju 2024 fis-18.30 hrs

**Każ Ta Fra Ben Rikors numru 966/09/SM**

Sa l-aħħar ta’April 2024 id-danni finanzjarju li rriżultaw minn dan il-każ jammontaw għal €833,278.75, barra l-ispejjes. L-avukat tal-kunsill preżenta 3 xenarji għall-konsidirazzjoni tal-kunsill.

1. Li l-kunsill jagħti l-kunsens tiegħu lil Ms Kravchenko biex tiġbed l-ammont ta’ €463,465.57 li hemm sekwestrat il-qorti,
2. Li l-kunsill iħallas l-bilanċ kollu li sa l-aħħar ta’ April 2024 jammonta ċirka €369,813.18 lill-Ms Kravchenko biex bhekk jieqfu jakkumulaw l-interessi,
3. Li jibdew proċeduri biex il-kunsill jirkupra l-finanzi kollha dovuti.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Alfred Bray, sabiex b’rispett sħiħ lejn il-vitma l-kunsill jimxi mall-parir mogħti mill-avukat tiegħu billi;

B’mod immedjat il-kunsill jagħti l-kunsens tiegħu biex Ms Kravchenko tiġbed l-ammont ta’ €463,465.57 li hemm sekwestrati il-qorti u li titħallas is-somma globali dovuta u wara il-kunsill jipproċedi biex jiġu rkuprati l-ammont ta’ finanzi dovuti. Il-kunsill approva nem.con.

- **Patching Triq il-Mosta**

  Il-kunsill jiddispjaċih jinnota d-dewmin bla bżonn biex il-patching neċessarju jitlesta.

**77.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Librerija Pubblika**

Il-kunsill approva baġit massimu ta' €1,000 għax-xiri ta' kotba.

**MOU - Dipartiment tax-Xogħolijiet**

Il-kunsill approva nem.con li jiġi ffirmat ftehim mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet marbut ma xogħolijiet u proġetti infrastrutturali fil-lokalita'

**Skema Ġonna fl-Urban**

Il-kunsill approva li jipparteċipa fl-iskema li tippromovi li jinżeraw siġar taż-żebbuġ u tal-larinġ f'postijiet pubbliċi.

**Volleyball**

Il-kunsill approva;

1. Li s-siegħat tal-lezzjonijiet jiżdiedu minn 6 għall-8 fil-ġimgħa. Rata ta'€15p/h.
2. Baġit massimu ta' €1,000 biex fid-29 ta' Ġunju 2024 jiġi organiżżat tournament.

**Kummissjoni Festa Burmarrad**

Il-kunsill approva li jikkollobora biex tittella mill-ġdid l-attivita' Festa Familja baġit massimu ta' €2,000.

**Smimmers zones**

19 ta'April 2024 l-Awtorita' tat-trasport qalgħet li qed tikkunsidra r-rikjesta li ressaq il-kunsill biex temporanjament iż-żona ta' ħdejn il-Bognor tigi dikjarata bħala waħda riservata għall-għawwiema. Din se tkun parti mid-Designated Aeas minn din is-sena u b'effett mill-2026 tiġi inkluża fiż-żoni uffiċjali għall-għawwiema.

Sakemm tkun Designated Area, l-ispejjeż tal-ħbula u bagi jitħallsu mill-applikant inkluż il-€50 għall-applikazzjoni.

**Installazzjoni ta' Zebra Crossing – Triq it-Trunċiera**

55/TMD/23/21 Transport Malta approvat il-permessi biex iz-Zebra Crossing li snin ilu saret b'mod illegali tiġi skond l-istandards ta' llum. Il-kunsill approva li jsiru x-xogħolijiet meħtieġa.

**Segretarju Eżekuttiv**

Id-Dipartiment Kunsilli Lokali ħareġ sejħa pubblika li għalqet fid-19 ta' April 2024. Il-kunsill ħatar lil Marico Sammut Chairperson u lis-Sindku Alfred Grima u l-Kunsilliera Anne Fenech membri tal-Bord ta' l-għażla bil-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Kunsillier Anthony Delia riserva.

**Karnival tas-Sajf**

Il-kunsill approva li jikkollobora ma Festivals Malta biex jittella mill-ġdid il-Karnival tas-Sajf il-Ġimgħa u s-Sibt 23 u l-24 ta' Awwissu 2024. Baġit massimu ta' €10,000.

**Soċjeta Mużikali San Pawl**

Il-kunsill approva li jsir riklam paġna sħiħa għall-prezz ta'€190.

**Drittijiet ta' l-Annimali**

Il-kunsill approva s-somma ta'€2,070 għax-xiri ta' 90 xkora ikel għall-qtates.

**77.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**77.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

Ma tressqet l-ebda rapport għad-diskussjoni.

**77.7 Binja San Ġeraldu**

Il-kunsill approva mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Alfred Bray biex tiddaħħal applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' propjeta' li tinsab fi Triq San Ġeraldu u tmiss ma taraġ pubbliku fi Trejqet Sant Andrija.

**77.8 Stazzjonar ta' Caravans fil-Lokalitajiet**

Mill-1 ta' Lulju 2023, ġie possibbli li persuna tagħmel applikazzjoni (anke online) biex iħalli b'mod temporanju xi tip ta' camper/caravan għal ħlas ta' €5 kull jum. Huwa għad-diskrezzjoni ta' kull kunsill li jaċċetta jew le li jħalli campers/caravans stazzjonati fil-lokalita' tiegħu.

Il-kunsill ma qabilx li fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar isir stazzjonar ta' Campers, Mobile Homes, Caravans ecc la temporanji u wisq anqas permanenti. Għaldaqstant, ġie deċiż, li ma għanda tiġi aċċettata l-ebda applikazzjoni.

**77.9 Kumitat Festa San Pawl il-Baħar**

**Festa Pawlina** - Il-kunsill approva li jikkollobora biex tittella mill-ġdid l-attivita' baġit massimu ta' €2,000.

**Jiem il-festa** – ġie approvat li l-attivita tas-27 ta' Lulju 2024 tinżamm fil-parti fejn se jitqiegħed il-Bust ta' Patri Elia Vella, bil-parti ta' wara t-torri u l-bankijiet kollha fl-inħawi jibqaw għal użu tal-pubbliku nġenerali. Il-kunsill qabel ukoll li jagħmel tajjeb finanzjarjament għall-uffiċċjali żejda meħtieġa waqt il-jiem ta' festa.

**77.10 Reklami fuq Għamara tat-Toroq**

Saret diskussjoni fuq it-tabelli li ġew proposti min Transport Malta lill-Akkwarju Nazzjonali fuq it-termini deċiżi qabel minħabba li l-ispiża ta' dawn it-tabelli issa hija għola u ser ikun hemm ammont inqas minnhom madwar il-lokalita'. Minħabba l-parametri tal-Bye Law il-Kunsill marbut ma' dawk it-termini u għalhekk il-ftehim jista' jsir għal sena li jkun jista' jiġġedded.

**77.11 Xogħolijiet mill-Korporazzjoni Servizz ta' l-Ilma f'Limbordin**

Għal laqgħa li kienu mistiedna jattendu l-membri kollha tal-kunsill u 4 residenti mill-Limbordin, attendew is-Sindku Alfred Grima, il-Viċi Sindku Carlos Zarb, żewġ residenti li wieħed minhom huwa bidwi u rappreżentanti ta' WSC.

WSC antiċipaw li jeħtieġ 7 ġimgħat xogħol biex il-proġett jasal sa isfel tal-Limbordin (siteplan A sa B) u 10 ġimgħat oħra biex ilestu l-kumplament sa Triq Għajn Tuffieħa, (siteplan B sa C) fejn f'din il-fażi l-aċċess għall-Triq Għajn Tuffieħa ikun magħluqa.

Fid-dawl li r-rappreżentanti tar-residenti qablu li x-xogħolijiet għandhom jitkomplew, il-kunsill lest japprova bil-kundizzjoni li jiġu nstallati minn ta' l-anqas 4 lampi tad-dwal fi Triq il-

Limbordin u li jitħalla passaġġ adekwatt biex persuna tkun tista' tgħaddi bir-riġel liberalment lejn San Pawl il-Baħar.

## 77.12 Affarijiet Oħra

### *77.12.1* PA/03858/23Empire Cinema & Ex Stownes Triq il-Bardnell and Triq il-Gifen

*Demolition of existing cinema complex and proposed 144 bedroom hotel (Class3B) on ten levels, including five levels of basement garages; restaurant (Class 4D)outlet at lower ground floor level and supermarket at upper ground floor level.*

Il-kunsill innota li hemm diskrepanza fl-għoli tal-binja minn 10 għal 11 il-sular. Approva li tidaħħal rappreżentazzjoni sabiex il-kunsill ikun konxju ta' kull tibdil li jista jseħħ.

## 77.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż

*77.13.1* Servizzi marbuta ma Kompjuters

Il-kunsill approva l-iffirmar ta' ftehim ma' The Notebook Centre biex ir-residenti b'ID Card tal-lokalita'jibbenefikaw minn servizz b'xejn ta' formating ta' laptop/kompjuter, tneħħija tal-virus, installazzjoni ta' software antivirus, tindif ġenerali u fiżiku għal prezz massimu ta' €5,000 vat mhux inkluża.

*77.13.2* Uffiċċju tal-kunsill

Il-Kunsill approva x-xiri ta'fridge.

*77.13.3* Mobile Phone

Il-Kunsill approva t-tiswija/xiri ta'mobile phone tas-Seg.Eżekuttiv li aċċidentalment ġarrab ħsara waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħi mall-kunsill.

*77.13.4* Fanali Zuntier Knisja San Pawl

Il-Kunsill approva stiema ta'€1,829.00 għat-tiswija ta' 2 fanali.

## 77.14 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti

**Pagamenti Road Services –**

Il-kunsill approva li ma l-iskeda jiżdiedu 15 il-pagament ta' Road Services b'valur ta' €45,232.71 + Vat li jidhru highlighted bl-isfar fl-Excel sheet u li l-kumplament ta' l-invoices jitnaqqsu ammonti marbuta ma default notices maħruġa.

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Kunsillier Mario Salerno ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata kif ippreżentata. Il-kunsill approva nem.con.

**77.15 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.05 u aġġornata għall-Ħamis 23 ta’Mejju 2024 fil-17.30 hrs.

**Approvati fil-23 ta’ Mejju, 2024**

IFFIRMATI
Alfred Grima
Sindku

IFFIRMATI
Marico Sammut
Segretarju Eżekuttiv